

Il-Ġurnal Uffiċjali L 396

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

25 ta' Novembru 2020

Werrej

I Atti leġiżlattivi

DIRETTIVI

- ★ **Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1756 tal-20 ta' Novembru 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-persuni taxxabbli fl-Irlanda ta' Fuq** 1

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1757 tad-19 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor dwar l-ażeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992** 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

(Atti leġiżlattivi)

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2020/1756

tal-20 ta' Novembru 2020

li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-persuni taxxabli fl-Irlanda ta' Fuq

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020 abbażi tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ"). Il-Ftehim dwar il-ħruġ jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, għandhom ikunu applikabbli għar-Renju Unit u fir-Renju Unit id-dipożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT"). Wara dak il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dipożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar il-VAT ma għandhomx jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit jew fir-Renju Unit.
- (2) Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll"), li jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-ħruġ, id-dipożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar il-VAT kif elenkati fl-Anness 3 tal-Protokoll li jikkonċernaw il-merkanzija għandhom ikomplu japplikaw fl-Irlanda ta' Fuq ⁽³⁾ wara l-perjodu ta' tranżizzjoni biex jiġi evitat li jkun hemm fruntiera fiżika bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq.
- (3) Għalhekk, il-persuni taxxabli u ċerti persuni ġuridiċi mhux taxxabli se jkunu soġġetti għal dipożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar il-VAT għal tranżazzjonijiet fuq merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li se jkunu soġġetti għad-dipożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit dwar il-VAT għat-tranżazzjonijiet kollha l-oħra fir-Renju Unit, anki fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.
- (4) Biex is-sistema tal-VAT tal-Unjoni taħdem tajjeb, huwa essenzjali li jingħata numru distint ta' identifikazzjoni tal-VAT lil kull persuna taxxabli li tforni merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq u lil kull persuna taxxabli, jew persuna ġuridika mhux taxxabli, li tagħmel akkwisti intra-Komunitariji ta' merkanzija, kif elenkati fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 214(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽⁴⁾, jew lil persuna taxxabli fir-rigward tal-użu tal-iskemi speċjali fakultattivi għall-persuni taxxabli li jbigħu l-merkanzija mill-bogħod.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-11 ta' Novembru 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni tad-29 ta' Ottubru 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ Dment li jingħata l-kunsens demokratiku fl-Irlanda ta' Fuq għall-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Artikoli 5 sa 10 kif imsemmi fl-Artikolu 18(1) tal-Protokoll.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

- (5) Għalhekk, jenħtieġ li fl-Irlanda ta' Fuq jiġu introdotti numri ta' identifikazzjoni tal-VAT distinti bi prefiss speċifiku, biex issir distinzjoni bejn il-persuni taxxabli u l-persuni ġuridiċi mhux taxxabli li t-tranżazzjonijiet tagħhom fuq merkanzija li tinsab fl-Irlanda ta' Fuq huma soġġetti għal dipożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar il-VAT, minn naħa waħda, u l-persuni li jagħmlu tranżazzjonijiet oħrajn li għalihom huma jiġu identifikati għall-finijiet tal-VAT fir-Renju Unit.
- (6) Bħala regola, il-prefissi tan-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT fl-Unjoni huma bbażati fuq il-kodiċi ISO 3166 – alfa 2 – li minnu jkun jista' jingħaraf l-Istat Membru tal-ħruġ. L-Irlanda ta' Fuq ma għandhiex kodiċi speċifiku taħt dik is-sistema, iżda l-ISO tipprevedi l-possibbiltà li għat-territorji li ma għandhomx kodiċi speċifiku jintużaw il-kodiċijiet X. Għalhekk jixraq li jiġi propost il-kodiċi "XI" għall-Irlanda ta' Fuq.
- (7) Jenħtieġ għalhekk li d-Direttiva 2006/112/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 215 tad-Direttiva 2006/112/KE, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Għall-Irlanda ta' Fuq għandu jintuża l-prefiss 'XI'.”.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2020. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1757

tad-19 ta' Novembru 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE ⁽¹⁾ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993. Il-Ftehim ġie konkluż inizjalment għal perjodu ta' tliet snin.
- (2) Skont l-Artikolu 45(2) tal-Ftehim, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor jista' jestendi l-Ftehim għal perjodi suċċessivi, ta' mhux aktar minn sentejn kull darba. Mill-konklużjoni tiegħu 'l hawn, il-Ftehim ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta' sentejn. Il-Ftehim ġie estiż l-aħħar fl-10 ta' Lulju 2019 u jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2021.
- (3) L-Artikolu 41 tal-Ftehim jistipula li l-Ftehim hu miftuħ għall-adeżjoni mill-Gvernijiet tal-Istati kollha f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor.
- (4) Fit-2 ta' Ottubru 2020, ir-Renju Unit applika formalment għall-adeżjoni mal-Ftehim mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem.
- (5) Matul is-57 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, li hija skedata li ssir fis-27 ta' Novembru 2020, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor huwa pplanat li jstabilixxi l-kondizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor.
- (7) Ir-Renju Unit huwa produttur ewlieni taz-zokkor. L-approvazzjoni tal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim hija fl-interess tal-Unjoni.
- (8) Jenħtieġ li l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim issir effettiva biss wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ⁽²⁾. Il-Ftehim ma għandux jiġi applikat b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit qabel tmiem dak il-perjodu,

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).

⁽²⁾ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni matul is-57 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fis-27 ta' Novembru 2020 għandha tkun li tapprova l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992, dment li l-adeżjoni ma ssirx effettiva, u l-Ftehim ma jiġix applikat b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)